**QORTI TA'L-APPELL KRIMINALI**

**(SEDE SUPERJURI)**

**S.T.O. Prim Imħallef Joseph Azzopardi**

**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Seduta ta' l-Erbgha 30 ta' Jannar 2019**

**Att ta' l-Akkuza numru 4/2016**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Fodie Keita**

**Il-Qorti** :

**1.** Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fil-15 ta' Marzu 2016 kontra Fodie Keita li bis-sahha tieghu l-istess Avukat Generali wara li ippremetta :

Fl-**Ewwel Kap** illi fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħodu (5:15am), il-Pulizija rċevew rapport dwar persuna li kienet midfuna taħt siġra fil-viċinanzi ta' ħanger ta' Ċentru miftuħ ġewwa Ħal-Far. Meta l-pulizija marru fuq il-post sabiex jinvestigaw dak illi kien ġie rrapurtat lilhom u wara li saru l-investigazzjonijiet meħtieġa fuq il-post instabet persuna ta' karnaġġon skura mingħajr ħajja bi ġrieħi konsiderevoli f'rasha apparti feriti oħra f'idejha kompatibbli ma' *defence wounds*. Instabu wkoll midfuna xi effetti  personali tal-vittma fl-istess post fejn instab il-kadavru u wara proċess ta' identifikazzjoni ġie stabbilit illi l-persuna misjuba kienet Adame Diabate li kien jirresjedi ġewwa ċ-Ċentru miftuħ ta' Ħal-Far. Fost dawn l-effetti nstab ukoll manku ta' sikkina li fuqha kellha l-inizjalli F u K. Wara li ġew mitkellma xi persuni li kienu jafu lill-vittma huma għarfu lill-pulizija li Diabate kellu xi problemi dwar xogħol ma' persuna oħra li kienet tgħix ukoll fl-istess ċentru miftuħ ġewwa Ħal-Far u li ġie identifikat bħala Fodie Keita qua l-akkużat f'dawn il-proċeduri.

Illi mill-investigazzjoni u mill-fatti jirriżulta li wara li nstab il-kadavru ta' Diabate, l-pulizija eżegwew tfittxijiet fit-tinda ġewwa ċ-ċentru miftuħ fejn kien qed jirresjedi l-akkużat fejn wara tfittxija li saret instabu diversi telefon ċellulari b'numri differenti fosthom telefon tad-ditta Samsung bin-numru tal-IMEI 358273011890090 u bin-numru telefoniku 99195866 li skond l-investigazzjonijiet magħmula mill-pulizija kienet tappartjeni lil u tintuża mill-vittma Diabate. Irriżulta wkoll li dakinhar stess tas-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) fis-7:34am kienet filfatt saret telefonata minn Anna Schembri lill-vittma fejn pero' wieġbet persuna oħra allegatment l-akkużat, li għarfitha li Diabate kien ħarab lejn l-Italja, liema fatt ma kienx minnu konsiderando li Diabate kien instab mejjet kif hawn fuq deskritt u effettivament kien diġa mejjet dak il-ħin tat-telefonata. Apparti dawn l-oġġetti, fuq il-persuna tal-akkużat instabet ukoll is-somma ta' elf mija erbgħa u sittin Euro (€1164) in kontanti li biċċiet minnhom dehru mċappsin bid-demm. Meta l-akkużat ġie mitkellem il-verżjoni li hu ta dwar l-inħawi tiegħu fil-ħinijiet meta' allegatament seħħ id-delitt fil-konfront ta' Diabate ma kienx jikkombaċċja ma' dak li kien irriżulta mill-investigazzjonijiet tal-pulizija.

Illi effettivament irriżulta li l-akkużat Keita kien introduċa lil Diabate mal-imgħallem li kien qed iħaddmu u sussegwentement Diabate u Keita bdew jaħdmu flimkien. Madankollu wara xi żmien il-persuna li kienet tħaddimhom senjatament Charlie Schembri kien waqaf jikkomunika mal-akkużat u dan peress li kien iktar sodisfatt mix-xogħol li kien qed jagħmel il-vittma Diabate u filfatt baqa' jħaddem

lilu biss. Dan il-fatt kien wassal sabiex l-akkużat Keita kien irrabja ħafna peress li kien spiċċa mingħajr xogħol u kien stqarr anki ma persuni oħra li kien ser ipattiha lill-vittma Diabate talli kien ħadlu x-xogħol. Fil-fatt dakinhar tas-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) fil-ħinijiet bikrin ta' filgħodu l-akkużat Keita kien mexa wara l-vittma Diabate waqt li kien fi triqtu bil-mixi lejn Birżebuġġia sabiex jaqbad tal-linja lejn il-Mosta fejn kien jirresjedi l-imgħallem tiegħu, u dolożament, bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, l-akkużat beda jagħti diversi daqqiet ta' sikkina fl-inħawi ta' ras Diabate u finalment kien taħ daqqiet b'oġġett tqil f'rasu sabiex jiksirlu l-kranju bit-tir li joqtlu. Fil-fatt mill-awtopsja li saret fuq il-kadavru ġie konkluż illi Adame Diabate miet kaġun din l-aggressjoni allegatament komessa fuqu mill-akkużat Keita u senjatament minħabba frattura fil-kranju u diversi laċerazzjonijiet f'moħħ il-vittma li finalment qatluħ.

Illi b'għemilu l-imsemmi Fodie Keita sar ħati ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Adame Diabate) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali akkuża lill-imsemmi Fodie Keita, ħati ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs, skond dak li hemm u jintqal flartikoli 211(1)(2), 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Fit-**Tieni Kap** illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi precedenti partikolarment fl-ewwel kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe' fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) l-akkużat Keita li kien aġixxa waħdu fil-kummissjoni u fit-twettiq tad-delitt ta' qtil fil-konfront tal-vittma Diabate, kien għamel tentattiv sabiex jagħtti d-delitt kommess minnu billi xjentement jidfen il-kadavru Diabate li kien il-vittma tad-delitt ta' omiċidju volontarju kif deskritt fl-ewwel kap, taħt siġra tal-Ħarrub li kienet ġewwa għalqa mdawra b'ħajt tas-sejjieħ appartenenti lil Grezzju Azzopardi u li kien ilu ma jidħol f'din l-għalqa għal madwar ħmistax qabel seħħ dan id-delitt. Infatti meta l-pulizija marru fuq il-post il-kadavru ta' Diabate kien midfun taħt il-ħamrija ħlief għas-sebgħa l-kbir ta' siequ li kienet esposta u li fil-fatt waslet sabiex il-kadavru tal-vittma

Diabate jinstab u l-akkużat Keita jiġi arrestat tad-delitti kommessi minnu.

Illi b'għemilu l-imsemmi Fodie Keita sar ħati talli xjentement ħeba l-kadavru ta' Adame Diabate li miet b'delitt.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali akkuża lill-Fodie Keita ħati talli xjentement ħeba l-kadavru ta' persuna (Adame Diabate) li miet b'delitt; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi hu jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal mhux anqas minn erba' xhur (4) u mhux iktar minn sitt xhur (6) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 239, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Fit-**Tielet Kap** illi finalment fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe' fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħodu (5:15am), waqt it-tfittxijiet fit-tinda ġewwa ċ-ċentru miftuħ fejn kien qed jirresjedi l-akkużat, instabu diversi telefon ċellulari b'numri differenti fosthom telefon tad-ditta Samsung ta' lewn fidda bin-numru tal-IMEI 358273011890090 u bin-numru telefoniku 99195866 li skond l-investigazzjonijiet magħmula mill-pulizija kienet tappartjeni u tintuża mill-vittma Diabate. Irriżulta wkoll li dakinhar stess tas-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) fis-7:34am kienet fil-fatt saret telefonata minn Anna Schembri lill-vittma fejn pero wieġbet persuna oħra allegatment l-akkużat, li għarfitha li Diabate kien ħarab lejn l-Italja, liema fatt ma kienx minnu konsiderando li Diabate kien instab mejjet kif hawn fuq deskritt u effettivament kien diġa mejjet minn id l-akkużat stess fil-ħin tat-telefonata.

Illi l-akkużat ma kellu l-ebda kunsens mill-vittma Diabate sabiex ikollu l-pussess tat-telefon ċellulari tiegħu. Effettivament, meta' l-akkużat ġie mistoqsi dwar dan it-telefon ċellulari u kif fil-fatt kien fil-pussess tiegħu ftit tal-ħin biss wara li kien instab mejjet il-vittma Diabate, ma tax spjegazzjoni valida jew sodisfaċenti lill-pulizija. Jidher illi l-akkużat kien seraq dan it-telefon ċellulari minn fuq il-persuna tal-vittma Diabate u dan wara li fil-ħinijiet bikrin ta' filgħodu l-akkużat kien qatel li Diabate skond kif deskritt fl-ewwel kap ta' din l-att tal-akkuża.

Illi b'għemilu l-imsemmi akkużat Fodie Keita sar ħati ta' serq ta' telefon ċellulari tal-għamla Samsung, liema serqa hija aggravata bil-vjolenza (omiċidju volontarju) u bil-ħin (bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali akkuża lill-imsemmi Fodie Keita, ħati ta' serq ta' telefon ċellulari tal-għamla Samsung, liema serqa hija aggravata bil-vjolenza (omiċidju volontarju) u bil-ħin (bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx); talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(f), 262(1)(a)(b)(2), 270, 272, 281(a), 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**2**. Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fil-05 ta' Frar 2018 li bis-sahha taghha wara li dik il-Qorti rat il-verdett tal-gurati ta' dak in-nhar stess li bih:

**i. bi tmien (8) voti favur u vot wiehed (1) kontra sabu lil Fodie Keita ħati skont l-ewwel kap tal-att tal-akkuza.**

**ii. b'sebgha (7) voti favur u tnejn (2) kontra sabu lil Fodie Keita ħati skont it-tieni kap tal-att tal-akkuza.**

**iii. bi tmien (8) voti favur u vot wiehed (1) kontra sabu lil Fodie Keita ħati skont it-tielet kap tal-att tal-akkuza.**

iddikjarat lil Fodie Keita hati talli :

**i. Dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Adame Diabate) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.**

**ii. Xjentement ħeba l-kadavru ta' Adame Diabate li miet b'delitt.**

**iii. Ta' serq ta' telefon ċellulari tal-għamla Samsung, liema serqa hija aggravata bil-vjolenza (omiċidju volontarju) u bil-ħin (bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx).**

**3**. Rat illi l-Ewwel Qorti wara li rat l-artikoli 20, 23, 31, 211(1)(2), 239, 161(a)(f), 262(1)(a)(b)(2), 270, 272 u 281(a) tal-Kodici Kriminali ikkundannat lil Fodie Keita għal piena ta' priġunerija għal għomru. Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannatu iħallas l-ammont ta' sittax-il elf, tmien mija u tlieta u sebgħin ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€16,873.15) bħala spejjeż inkorsi f'dan il-proċess. Ordnat wkoll illi jekk l-ispejjeż ma jitħallsux immedjatament, dawn jiġu kkonvertiti f'terminu ta' priġunerija skont tal-liġi. Finalment ordnat l-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti fil-kawża.

**4.** Rat ir-rikors ta' l-appell imressaq mill-akkuzat Fodie Keita fis-26 ta' Frar 2018 li bih u ghar-ragunijiet indikati jissottometti illi :

"i. Sar *mistrial* fil-konfront tieghu meta l-Qorti Kriminali halliet il-produzzjoni ta' prova tal-*mobiles* u dokumentazzjoni relattiva meta din kienet *tainted* u inaccettabbli u ghalhekk din l-Onor. Qorti ghandha tiddikjara li sar *mistrial* u tordna li l-Atti jintbaghtu lura lill-Qorti Kriminali u dan wara li tordna li l-*mobiles* u dokumentazzjoni relattiva jigu sfilzati mill-Atti sabiex jerga' jinstema l-guri mill-gdid.

ii. Subordinatament u bla pregudizzju din il-Qorti ghandha ai finijiet tal-artikolu 501(1)(b) tal-Kodici Kriminali tiddikjara li kien hemm irregolarita' matul il-kawza, jew kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi li kellha influwenza fuq il-verdett, senjatament li l-Onor. Qorti Kriminali ma ordnatx l-isfilz tad-dokumentazzjoni kollha rigwardanti l-*mobiles* esebiti u ghalhekk tilqa' l-appell billi tillibera lill-appellanti minn kull htija.

iii. Subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost din l-Onor. Qorti tal-Appell ghandha, minhabba l-fatt li jezistu tant dubbji fil-provi imressqa, ai finijiet tal-artikolu 501(1)(a) tal-Kodici Kriminali,

tiddikjara li l-appellant kien gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza u b'hekk tilliberah minn kull htija.

iv. Subordinatament u fin-nuqqas, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, li l-appellant jinghata piena aktar xierqa."

**5**. Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tat-18 ta' Settembru 2018.

**6**. Semghet trattazzjoni.

**7**. Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**8.** Illi t-talba ewlenija ventilata mill-appellant hija imsejsa fuq id-dispost ta' l-artikolu 508 tal-Kodici Kriminali fejn jitlob li jerga' jigi ipprocessat mill-gdid fuq l-akkuzi lilu addebitati fl-Att ta' l-Akkuza ghaliex fil-fehma tieghu l-prova li fuqha l-gurati waslu ghall-verdett taghhom ta' htija kienet wahda mbaghbsa, jew kif isejhilha hu fi kliemu "*tainted*". Ighid li gara hekk ghaliex, skont l-appellant, ic-cellulari proprjeta' tieghu bin-numru MSISDN 99166553, u li gie elevat mill-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet, gie uzat mill-pulizija stess meta giet registratat telefonata tlett ijiem wara li sehh l-omicidju imputat lilu. Skont l-appellant, dan il-fatt wassal ghal kontaminazzjoni f'din il-prova cirkostanzjali tant determinanti li allura ma kenitx baqghet aktar wahda soda u li ghalhekk kellha tigi imwarrba. Ighid illi ghalkemm ghamel talba f'dan is-sens quddiem l-Ewwel Qorti, it-talba tieghu kienet michuda, u ghalhekk jishaq li sehh 'l hekk imsejjah *mistrial* fil-konfront tieghu.

**9**. Illi minn qari ta' dak li jiddisponi l-artikolu 508 tal-Kodici Kriminali ghandu johrog illi din il-Qorti tista' tordna is-smigh mill-gdid tal-kawza fic-cirkostanzi hemmhekk elenkati u cioe' meta jigu imressqa provi godda fi stadju ta' revizjoni fit-termini tal-artikolu 506 u 507 tal-Kodici Kriminali, jew minhabba punt sollevat fit-termini ta' l-artikolu 500(4) jew l-artikolu 501(1)(b), izda biss jekk l-interessi tal-gustizzja hekk ikunu jehtiegu. Issa fil-kaz taht ezami, ma jidhirx illi l-punt imqajjem mill-appellant huwa marbut mad-disposizzjonijiet tal-artikoli 500(4) jew l-artikoli 506 u 507 tal-Kodici Kriminali. L-ilment tal-appellant jaqa' sewwasew fil-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 501(1)(b) tal-Kodici Kriminali meta, kif jirrizulta mit-tieni talba li ressaq fl-appell tieghu, l-appellant jilmenta illi sehhet irregolarita' gravi matul il-kawza li seta' kellha influwenza fuq il-verdett.

**10**. Illi allura din il-Qorti fl-ewwel lok trid tqis jekk matul il-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti sehhitx dik l-irregolarita' gravi li qed jilmenta minnha l-appellant jew inkella jekk kienx hemm xi interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi li setghu kellhom xi effett fuq il-verdett u li minhabba f'dan in-nuqqas sehhet amministrazzjoni hazina tal-gustizzja. Wara dan:

> **Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, una volta li tistabbilixxi li kien hemm xi irregolaritajiet matul il-kawza trid tistabbilixxi saritx bhala konsegwenza taghhom amministrazzjoni hazina tal-gustizzja, cjoe' kienx hemm miscarriage of justice (artikolu 501(1) proviso). F'dan l-ezercizzju t-test huwa jekk effettivament jistax jinghad li nonostante l-mankanza jew mankanzi li jirrizultaw li saru fil-kors tal-guri, hemmx b'danakollu kaz qawwi bizzejjed kontra l-appellant biex gurija ragonevoli, proprjament diretta, kienet xorta wahda tasal ghad-dikjarazzjoni ta' htija[1].**

[1] Ir-Repubblika ta' Malta vs Edwin Bartolo deciza App.Sup. 19/08/1996

**11**. Jekk imbaghad il-Qorti issib li l-appellant ghandu ragun fl-ilment minnu ventilat, allura mbaghad trid tqis jekk ghandhiex tezercita s-setgha moghtija lilha mil-ligi li tabbraccja jew titbieghed mill-verdett milhuq mill-gurati, jew inkella jekk fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja, ghandhiex toqghod lura milli tasal ghad-decizjoni hi, u tordna li l-kaz ghandu jinstema' mill-gdid quddiem il-gurija popolari u dan biss jekk l-interessi tal-gustizzja hekk jirrikjedu.

**12**. Illi minn ezami tal-atti processwali li ghamlet din il-Qorti, jirrizulta illi l-provi li l-Prosekuzzjoni kellha f'idejha kienu kollha provi ndizzjarji billi ma kien hemm l-ebda xhud okulari tal-omicidju ta' Adame Diabate li sehh gewwa Hal Far. Minhabba ghadd gmielu ta' tracci ta' demm prezenti fuq ix-xena tad-delitt, il-vittma jintlemah midfun taht sigra minn xi mmigranti li kienu ighixu fic-Centru Miftuh, u dan billi minn taht il-hamrija kien qed jifrex wiehed mis-swaba ta' saqajh. Il-pulizija gew allertati ghal dan ix-xenarju makabru u fil-fatt instab midfun il-kadavru ta' Diabate li inqatel b'diversi daqqiet f'rasu. Il-kagun tal-mewt tieghu kienet frattura tal-kranju u diversi lacerazzjonijiet f'mohhu. Il-pulizija waslu ghall-persuna tal-appellant minn provi ndizzjarji li l-maggior parti taghhom iduru madwar numru ta' *mobile phones* li nstabu fil-pussess tieghu, fosthom dak allegatament proprjeta' tal-vittma bin-numru IMEI358273011890093, registrat bin-numru telefoniku (MSISDN) 9919 5866. L-appellant ghalhekk jibbaza l-lanjanzi tieghu fuq il-validita' tal-prova li l-Prosekuzzjoni jirnexxielha taghmel permezz tad-*data* u taghrif iehor estrapolat minn dawn ic-cellulari, u dan kif jirrizulta mir-rapport tal-espert tal-informatika nominat fl-inkjesta magisterjali, Dr. Steven Farrugia Sacco. L-appellant min-naha tieghu jichad kategorikament l-involviment tieghu f'dan id-delitt.

**13**. Illi jibda biex jinghad illi r-rapport ta’ l-espert Dr. Steven Farrugia Sacco kien gie f’idejn l-appellant matul l-Istruttorja meta l-espert xehed u pprezenta r-rapport tieghu. Minn dan ir-rapport allura kellu jkun evidenti ghall-appellant illi fil-jum tad-09 ta’ Gunju 2010, u allura tlett ijiem wara li kien sehh id-delitt, sehhu t-telefonati oggezzjonabbli ghalih bl-uzu tan-numru 99166553, li kien ta’ l-appellant.

**14**. Illi qabel xejn din il-Qorti tirrileva illi l-appellant kien gie notifikat kemm bl-Att ta’ l-Akkuza kif ukoll bil-lista tax-xhieda li kienet bi hsiebha tressaq il-Prosekuzzjoni, u allura ghalkemm f’dak l-istadju huwa kien ben konxju tal-kontenut tar-rapport tal-espert Dr. Steven Farrugia Sacco u tar-rapporti tal-esperti kollha involuti f’dan il-kaz, madanakollu meta mbaghad iressaq l-eccezzjonijiet tieghu ma jqanqal l-ebda oggezzjoni ghall-validita’ ta’ dina l-prova li, fil-fehma tieghu, kienet determinanti tant illi fuqha qieghed isejjes it-talba tieghu sabiex jinstema’ l-kaz mill-gdid. Iressaq l-oggezzjoni tieghu biss meta jigi iccelebrat il-guri u precisament fis-seduta tal-31 ta’ Jannar 2018 meta jixhed l-espert Dr Steven Farrugia Sacco. Illi l-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali jidderigi lill-akkuzat b’dan il-mod wara li jigi notifikat bl-Att ta` l-Akkuza :

> **“L-akkużat għandu, permezz ta’ nota ppreżentata fir-reġistru tal-qorti mhux iktar tard minn ħmistax-il jum tax-xogħol mid-data ta’ dik in-notifika -**
>
> **(i) jagħti avviż dwar l-eċċezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 449 u kull eċċezzjoni dwar l-ammissibilità tal-provi li jkollu l-ħsieb li jagħti.”**

Din id-disposizzjoni kienet emendata estensivament bl-Att LIII tal-1981 fejn fost ohrajn il-pregudizzjali dwar l-inammissibilita’ tal-provi issa trid tinqanqal fl-istadju nizjali, qabel ma l-akkuzat jigi mistoqsi huwiex hati jew le tal-akkuzi addebitati lilu.

**15**. Illi kienu ben maghrufa, allura, ghall-appellant il-provi kollha li kienet bi hsiebha tressaq il-Prosekuzzjoni u dan mill-atti tal-kumpilazzjoni, bl-ghan tal-Istruttorja jkun illi l-provi kollha sew favur kif ukoll kontra l-persuna akkuzata jigu kkompilati u ppreservati. Illi allura l-ilment tal-appellant li sehhet xi amministrazzjoni hazina tal-gustizzja bil-fatt illi l-Ewwel Qorti ma skartatx ir-rapport u x-xiehda tal-espert Dr Steven Farrugia Sacco fl-istadju inoltrat tal-guri tirrasenta l-fieragh ghaliex l-appellant baqa' nattiv meta l-ligi taghtu l-jedd isemma l-vuci tieghu fil-waqt prepost mil-ligi, u ma qanqal l-ebda oggezzjoni ghal din il-prova.

**16**. Dan premess, din il-Qorti xorta wahda sejra taghmel esami tal-atti tal-kawza u taghmel indagini dwar il-mod kif dina l-evidenza cirkostanzjali, konsistenti fil-prova digitali li harget mill-ezami forensiku tal-apparat telefoniku elevat mill-pussess tal-appellant, setghetx giet ikkontaminata f'xi stadju tal-investigazzjonijiet jew tal-*in genere.*

**17.** Sejra taghmel dan kollu kemm ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, kif ukoll sabiex l-appellant ma jkunx imcahhad mill-jedd ghal smigh xieraq skont il-ligi. L-ghan ewlieni ta' kull qorti ta' gustizzja penali huwa li tara illi l-akkuzat ikollu smigh xieraq. Meta process penali jwassal ghal dikjarazzjoni ta' htija msejsa fuq evidenza kontaminata, il-jedd ghal smigh xieraq ikun qed jigi vjolat. Madanakollu sabiex il-Qorti tasal biex tistabilixxi l-validita' tal-prova kostitwita b`dik l-evidenza jrid isir ezami tal-*iter* segwiet mill-mument illi dik il-prova ndizzjarja titfacca fil-kors tal-investigazzjoni tal-pulizija, kif u minn min tkun giet elevata, kif tkun giet ippreservata u sussegwentement min ghamel l-ezamijiet forensici fuqha u b'liema mod, sabiex fl-ahhar issib postha quddiem il-Qorti.

**18.** Dan ghaliex:

**Wherever he steps, whatever he touches, whatever he leaves, even unconsciously, will serve as silent evidence against him. Not only his fingerprints or his footprints, but his hair, the fibres from his clothes, the glass he breaks, the tool mark he leaves, the paint he scratches, the blood or semen he deposits or collects - all these and more bear mute witness against him. This is evidence that does not forget. It is not confused by the excitement of the moment. It is not absent because human witnesses are. It is factual evidence. Physical evidence cannot be wrong; it cannot perjure itself; it cannot be wholly absent. Only its interpretation can err. Only human failure to find it, study and understand it, can diminish its value. (Kirk, Paul, Crime investigation, John Wiley & Sons Canada, Limited, 1953).**

**However, the value of even the most carefully recovered and preserved evidence can be lost if the chain-of-custody is not properly maintained. "Chain-of-custody" is often recognized as the weak link in criminal investigations. It refers to the chronological and careful documentation of evidence to establish its connection to an alleged crime. From the beginning to the end of the forensic process, it is crucial to be able to demonstrate every single step undertaken to ensure "traceability" and "continuity" of the evidence from the crime scene to the courtroom.** [2]

**19**. Illi l-Qorti ghalhekk gharblet b`reqqa l-atti tal-kawza, u dan mill-mument li bdiet l-investigazzjoni mill-pulizija meta nstab il-kadavru ta' Diabate, segwita mill-inkjesta magisterjali, matul l-Istruttorja sal-mument illi gie celebrat il-guri. Ghamlet hekk sabiex tiddetermina c-*chain of custody* tat-telefon cellulari tal-appellant, u dan ghaliex huwa fuq dan l-apparat telefoniku minn fost is-seba' *mobile phones* li gew elevati mill-pussess tal-appellant illi fuqu tistrieh il-kontestazzjoni tad-difiza.

[2] www.unodc.org/documents/scientific/Crime_scene_awareness__Ebook.pdf - Crime scene and physical evidence awareness for non-forensic personnel - United Nations Office on drugs and crime (2009)

**20.** Illi meta bdew l-investigazzjonijiet mid-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali tal-Pulizija kienu l-Ispetturi Christopher Pullicino u Anthony Portelli li kienu qed imexxu l-istharrig bl-ghajnuna tas-subalterni taghhom. Illi dawn l-investigazzjonijiet kienu gew kondotti *pari passu* mal-inkjesta magisterjali li bdiet minnufih hekk kif l-Inkwirenti kien infurmat mill-Pulizija illi kienet instabet persuna mejta midfuna taht sigra gewwa Hal Far.

**21.** Illi fil-jum tas-06 ta' Gunju 2010, u allura ftit tal-hin wara li jinstab il-kadavru ta' Adame Diabate, ufficjali tal-Pulizija mid-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali jibdew ifittxu ll-appellant u dan fuq suspett li seta' kien involut fil-kommissjoni tad-delitt. Dan jinstab fil-*container* numru 15 mimdud fuq sodda u minn fuq il-persuna tieghu PS1152 Emanuel Saliba, Ex PS94 Jack Farrugia, Ex PC1201 Joseph Cassar, Ex PC1303 Brian Micallef u PC327 Shaun Pace jelevaw madwar €1200 fi flus kontanti u mill-but tal-qalziet jigi elevat il-*mobile phone* tad-ditta Vodafone. Taht is-sodda jinstabu xi basktijiet. Go wiehed minnhom hemm mahzuna sitt cellulari ohra, fosthom dak tad-ditta Samsung allegatament appartenenti lill-vittma. Dawn l-ezebiti jigu imqieghda go boroz u sigillati minn PS1152 Emanuel Saliba u registrati b'*tag* li fuqha jitnizzlu id-dettalji kollha dwar is-sejbien ta'l-istess oggetti. Wara dan skont ix-xiehda ta' PS1152 :

> **"… ghaddejna kollox lill-Ispettur Christopher Pullicino biex ikompli bl-investigazzjoni."**

**22**. Dwar l-oggetti li jigu maqbuda mill-pulizija l-artikolu 355S tal-Kodici Kriminali ighid hekk :

> **"(1) Kull oġġett li jkun ġie maqbud bil-liġi mill-Pulizija jista' jinżamm għal kemm żmien ikun meħtieġ fiċ-ċirkostanzi kollha.**

**(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, kull oġġett maqbud bil-liġi skont dan il-Kodiċi jista' jinżamm biex jinġieb bi prova fil-kawża jew għal eżamijiet forensiċi jew f'kull aspett ieħor tal-investigazzjoni, jew sabiex jiġi stabbilit min ikun sidu bil-ligi.**

**23**. Mill-atti fil-fatt jemergi li hekk sar ghaliex l-investigazzjoni mill-Pulizija tkompliet fuq dan l-apparat cellulari meta fid-09 ta' Gunju 2010, l-Ispettur Pullicino jibghat ittra[3] indirizzata lil rapprezentant tas-socjeta` Vodafone Malta fejn jitlob informazzjoni lis-sinjura Demaris Agius, li xehdet ukoll waqt il-guri u ikkonfermat dan il-fatt. Jitlobha is-segwenti informazzjoni u dan b'rabta mal-omicidju ta' Diabate :

1. *Incoming/outgoing call and sms profile of cell phone numbers 99996770, 99166553 and 99062707 as from 1st April 2010 to the 07th June 2010.*
2. *Localisation data of the above mentioned three Vodafone numbers for the 06th June 2010*
3. *Details of subscribers of the above-mentioned Vodafone numbers.*

**24.** L-Ispettur Pullicino ighid hekk fix-xiehda tieghu :

**"Fil-fatt irrizultalna li wiehed mit-telefons cellulari li instabu taht is-sodda tad-ditta Samsung kien jappartjeni lil mejjet u dan minhabba ricerka li ghamilna ahna stess mal-kumpaniji tas-servizzi tat-telefonija ….**

**Skoprejna ukoll illi t-telefon l-iehor tad-ditta Vodafone li kellu s-sim card li kien qed juza l-akkuzat xi hin wara l-mewt ta' Adame Diabate inqalghet is-sim card tal- akkuzat mit-telefon vodafone 225 u ddahlet fit-telefon tal-mejjet, liema telefons sussegwentement gew elevati u gew anke mghoddija lill-espert nominat mill-qorti sabiex jaghmel l-**

[3] Ara Dokument KMG esebit fir-rapport tal-espert tad-data Dr. Steven Farrugia Sacco – fol.268 tal-process

**analizi tieghu fil-konfront ta' messaggi li setghu intbaghtu, profiling tat-telefon and so on and so forth.**

**Nixtieq nispjega li ahna din l-informazzjoni ngibuha bhala data minghand il-provider. L-espert jista' jezamina t-telefon internament biex jara x'kien hemm issejvjat go fih u li jista' jkun utli ghal investigazzjoni bhal ma huma ritratti, videos, messaggi, il-kontenut tal-messaggi li ntbaghtu, so on and so forth. Biss it-telefonati, is-sekwenza taghhom, il-hinijiet so on and so forth dawn jingiebu dejjem jew mill-espert tal-Qorti jew mit-tnejn li ahna ghal fini ta' investigazzjoni minghand is-service providers u bl-eba mod ma tista' tittejperja maghhom fis-sens ghax din mhix informazzjoni storjata fit-telefon izda storjata through s-sistema taghhom stess."**

**25.** Wara li ssir dina l-investigazzjoni, fl-istess jum u cioe' fid-09 ta' Gunju 2010, dan ic-cellulari, u cioe' il-Vodafone jigi mghoddi lill-ufficjali tax-xena tar-reat nominati fl-inkjesta u cioe' lil PC1525 Patrick Farrugia u PS659 Jeffrey Hughes li sahansitra jiffotografaw l-istess. Dan ghaliex ikun hemm suspett li fih tracci ta' demm. Ighidu hekk dawn l-esperti tal-forensika:

**"Illi nhar id-09 ta' Gunju 2010, l-esponenti gew rikjesti mill-Ispettur Christopher Pullicino sabiex jaghmlu ezamijiet ghal presenza ta' demm fuq telefon cellulari. Dan it-telefon gie ddokumentat kif gej:**

**JP20: Telefon cellulari tal-marka Vodafone bin-numru serjali 357308019546585 b'batterija tal-marka ZTE u "SIM card" tal-Vodafone. (ara ritratti F26 sa F29)**

**Illi saru ezamijiet kimici fuq dan it-telefon permezz tal-kimika "Bluestar" liema ezamijiet taw rizultat pozittiv ghall-presenza ta' demm. Dan gie mghoddi lill-espert tad-DNA mahtura mill-Qorti s-sinjura Marisa Cassar nhar is-17 ta' Gunju 2010."**

**26**. Dan huwa kkonfermat mill-espert serologista Dr. Marisa Cassar u l-espert Dr. Steven Farrugia Sacco meta dan l-apparat jigi zarmat minn Dr

Farrugia Sacco fil-presenza tal-espert serologista li taghmel l-ezamijiet taghha u wara fit-18 ta' Gunju 2010 dan jigi finalment mghoddi lill-espert Dr Farrugia Sacco li hejja ir-rapport tieghu u pprezenta l-esebit il-Qorti. Ighid hekk l-espert fir-rapport tieghu:

> **"Illi l-esponent jirrileva li huwa ezamina l-mobile phone Vodafone 225, wara li dan gie ezaminat ghal testijiet tad-DNA, izda kien huwa stess li ssepara komponenti tal-mobile in kwistjoni sabiex jittiehdu t-testijiet tad-DNA, u l-istess 'swobs' ittiehdu fil-presenza tal-esponent, li wara li kienu ittiehdu l-imsemmija 'swobs' l-esponent rega assembla l-komponenti tal-mobile phone."**

**27.** Stabbilit ghalhekk mill-atti illi c-*chain of custody* marbut ma' dan ic-cellulari proprjeta tal-appellant qatt ma giet miksura, jifdal biex jigi determinat jekk it-telefonati li saru fil-jum tad-09 ta' Gunju 2010 setghux b'xi mod ikkontaminaw l-evidenza li tohrog minn dan ir-rapport u l-esebiti konsistenti f'*mobile phones.*

**28**. Illi jibda biex jinghad illi ghalkemm huwa minnu li dan ic-cellulari sar uzu minnu fid-09 ta' Gunju 2010, mill-atti jemergi illi f'dak il-jum dan l-apparat kien fil-pussess tal-Ispettur Christopher Pullicino, wiehed mill-ufficjal tal-Pulizija li kienu qed imexxu l-investigazzjonijiet marbuta mal-omicidju ta' Diabate. Jirrizulta ukoll illi l-Ispettur Pullicino kien qed jipprova jikseb taghrif marbut ma' dan ic-cellulari u ghalhekk necessarjament kellu jinvestiga x'kien il-MSISDN tieghu sabiex jasal biex jitlob l-informazzjoni mehtiega minn ghand is-*service providers*, kif fil-fatt jirrizulta li ghamel kemm mix-xiehda tieghu kif ukoll minn provi dokumentali li jinsabu fl-atti. Illi ghalkemm kien ikun aktar prudenti li kieku dana l-ezercizzju gie kondott fil-presenza tal-espert tal-Qorti, madanakollu ma hemm l-ebda disposizzjoni tal-ligi li b'xi mod tirrendi llegali l-ksib ta' tali informazzjoni minn ufficjal investigattiv fil-kors tal-investigazzjonijiet. Fil-fatt jidher li saru zewg telefonati mil-linja tal-

emergenza tal-pulizija 112 diretti lejn in-numru 99166553 x'aktarx biex setghet tinkiseb informazzjoni rilevanti dwar dan l-esebit. Mill-*call logs* esebiti fil-fatt din l-attivita hija immarkata bl-ittri "OT[4]" li tfisser li ic-cellulari kien qieghed jircevi zewg telefonati minn numru 112, wahda ta' hames sekondi u ohra ezatt wara ta' hmistax-il sekonda, x'aktarx biex jigi ikkonfermat in-numru tieghu, u allura ma jidhirx illi sar xi uzu llecitu ta` c-cellulari. Dan johrog ukoll mix-xiehda tal-ufficjal l-iehor investigattiv Spettur Anthony Portelli meta jixhed illi wara li gew elevati is-seba` cellulari mill-pussess tal-appellant sar kuntatt mill-investigaturi mas-*service providers* biex jistabilixxu ta' min kienu l-*mobile phones*. Ikompli ighid fil-fatt illi s-*service providers* infurmawhom illi dakinhar filghodu aktar tard, wara li sehh l-omicidju (ghal habta tad-9:00a.m) il-linja telefonika tal-appellant giet *topped-up* minn fuq ic-cellulari Samsung tal-mejjet u dan billi iddahhlet is-*sim card* li kienet fic-cellulari tal-akkuzat fil-*mobile phone* tal-mejjet.

**29.** Mhux biss izda, kif tajjeb jirrileva l-Ispettur Pullicino, fil-kors tax-xiehda tieghu, l-informazzjoni li tohrog mill-*call profiles* marbuta ma' dan in-numru MSISDN u cioe' 99166553 appartenenti lill-appellant, kif ukoll kull informazzjoni marbuta mal-*call profiles* tac-cellulari l-ohra, hija informazzjoni li tkun mahzuna ghand is-*service providers*, f'dan il-kaz, Vodafone Malta, li bl-ebda mod ma tista' tigi kkontaminata minn xi uzu li jsir tal-apparat telefoniku. Tali informazzjoni, anzi, taghti stampa cara tat-telefonati li jsiru, minn fejn isiru, x'tip ta' attivita` tkun qed issir, jekk hux messagg, *enquiry call*, *emergency call*, *outgoing* jew *incoming call* u d-durata ta' l-istess, informazzjoni li allura qatt ma tista' tigi mbaghbsa billi hija estratta mis-*service providers,* kif ikkonfermata fix-xiehda taghhom stess[5], u li qatt ma tista' titgiddeb. Illi allura anke jekk *gratia argomenti*

[4] OT – Other Terminating

[5] Ara xiehda ta' Demaris Agius u Marisa Gauci moghtija waqt il-guri.

din il-Qorti kellha tilqa' t-talba tal-appellant ghall-isfilz tar-rapport ta' Dr. Steven Farrugia Sacco u tad-dokumenti esebiti, konsistenti fl-apparat cellulari, xorta wahda tibqa' b`sahhitha x-xiehda tas-*service providers* mnejn tirrizulta l-informazzjoni marbuta mal-attivita' li saret mill-istess cellulari u li hija prova determinanti ghar-risoluzzjoni tal-kaz.

**30.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalhekk il-biza` ravvizata mill-appellant dwar xi kontaminazjoni fl-evidenza ma tista' qatt tigi abbraccjata. Mhux biss ghaliex kif irrizulta ma kienx hemm xi ksur fic-*chain of custody* tal-esebit, izda ukoll ghaliex l-informazzjoni li tirrizulta bhala prova tohrog mill-*call logs* esebiti li hija informazzjoni mahzuna ghand is-*service providers* u mhijiex prova li tohrog mill-Pulizija jew minn xi ezami tal-apparat li sar mill-esperti tal-Qorti.

**31.** Illi huwa ndubitat illi ghalkemm tkun ghaddejja inkjesta magisterjali meta jsehh reat serju, kif imfisser fl-artikoli 546 et seq. tal-Kodici Kriminali, dan ma ifissirx illi l-investigazzjonijiet tal-Pulizija ghandhom jispiccaw, izda li dawn jitmexxewa id f'id mal-investigazzjoni li tkun qed issir mill-Inkwirenti :

> **"Il-Magistrat Inkwirenti hu fdat lilu l-inkarigu li fil-kazijiet previsti mill-istess Titolu, jinvestiga r-reat jew il-fatt rapportat lilu u/jew izomm l-access li l-ligi tipprevedi u fl-ahharnett jirredigi procès verbal li l-ligi stess tirregola u tattribwilu valur probatorju. Dan kollu jifforma parti integrali mill-process generali tar-ricerka tal-verità u jikkonsisti principalment fil-gbir u preservazzjoni ta' dawk il-provi kollha, diretti u indiretti, li l-Magistrat Inkwirenti jirnexxilu jidentifika bhala pertinenti ghall-grajja jew reat li jkun qed jinvestiga. Bhala tali, u kuntrarjament ghal dak li jigri f'certi sistemi kontinentali, il-Magistrat Inkwirenti mhux parti mill-Pulizija u wisq anqas, mill-Prosekuzzjoni; anzi jidher li fis-sistema taghna huwa previst biex f'numru ta' kazijiet serji li l-ligi stess tispecifika, l-investigazzjoni ma ssirx biss, u l-provi ma jingabrux u ma jigux preservati biss mill-Pulizija,**

> **izda ukoll, anzi essenzjalment, minn persuni indipendenti mill-poter esklussiv tal-iStat u li jiggarantixxu li r-ricerka tal-verità ma tkunx inkwinata minn xi interessi hlief dak suprem li kollox isir skond il-haqq u l-gustizzja[6].”**

**32**. Illi ma jidhirx illi f’dan il-kaz sehhet xi rregolarita’ meta l-investigazzjoni tal-Pulizija u dik tal-Magistrati bdew miexja kontemporanjament iktar u iktar fl-ewwel tmienja u erbghin (48) siegha tant krucjali wara li jkun sehh delitt. Ma jidhirx lanqas minn dak li johrog mill-atti illi fl-investigazzjoni kondotta mill-Pulizija sehhet xi irregolarita’, anzi jidher li din kienet miexja id f’id mal-inkjesta tant illi l-esperti kienu qed jahdmu flimkien mal-ufficjali tal-Pulizija u dan ghar-ricerka tal-verita’.

**33. Ghal dawn ir-ragunijiet ghalhekk il-lanjanza tal-appellant marbuta mal-ammissibilita’ tal-prova mressqa mill-Prosekuzzjoni permezz tar-rapport tal-espert Dr. Steven Farrugia Sacco ma jisthoqqilhiex li tkun milqugha. Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni, la fil-fatt u lanqas fid-dritt, li tista’ twassalha biex titbieghed mid-decizjoni moghtija mill-Qorti Kriminali meta ma kenitx milqugha t-talba tad-difiza sabiex din il-prova tigi skartata u estromessa mill-atti. Kif kien deciz fis-sentenza <u>Kajal vs Noble</u> (1982 - Cr.App) : “*Nowadays we do not confine ourselves to the best evidence. We admit all relevant evidence. The goodness or badness of it <u>goes only to the weight</u> and not to the admissibility.”***

**34. Ghalhekk l-aggravju tal-appellant dwar allegat *mistrial* fil-konfront tieghu qed ikun michuda.**

[6] Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Jason Calleja moghtija fit-3 ta’ Lulju 1997 il-Qorti tal-Appell Kriminali

**Ikkunsidrat :**

**35.** Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet u deciz illi f'dan il-kaz ma sehhitx irregolarita` gravi fil-proceduri, li titkellem dwarha il-ligi, il-Qorti sejra tghaddi biex tittratta l-aggravju tal-appellant marbut mal-apprezzament tal-provi.

**36.** Issa kif kien kemm il-darba ribadit :

> **"Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b'taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet legittimament u ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b'mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat'[7].**

---

[7] Ir-Repubblika ta' Malta vs John Camilleri deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fl-24 ta' April 2008. Ara ukoll, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u IrRepubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; IlPulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

**37**. Din il-Qorti ghalhekk ser tezamina l-provi mill-gdid sabiex taccerta ruhha jekk il-gurati ben iggwidati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghal verdett ta' htija ghall-kapi kollha ta` l-Att ta` l-Akkuza li bihom kien mixli l-appellant.

**39.** Id-difiza tikkontendi fil-gravam marbut mal-apprezzament tal-provi li sar mill-gurija popolari, illi l-evidenza mressqa mill-Prosekuzzjoni qatt ma setghet tilhaq il-grad gholi minnha mistenni fil-ligi. Jikkontendi illi mhux biss ma nstabet ebda tracca tal-presenza tad-DNA tal-appellant fuq ix-xena tar-reat jew fuq il-kadavru, izda lanqas ma giet riskontrata l-ebda ferita fuq il-persuna tieghu ghalkemm l-qtil kien wiehed vjolenti u brutali. Jishaq inoltre illi l-investigazzjoni tal-Pulizija ma esploratx toroq ohra fejn seta' kien hemm l-involviment ta' persuni ohra li allura qatt ma gew investigati. Jikkontendi illi l-inizzjali bl-ittri "F" u "K" fuq il-manku ta' sikkina misjub taht il-kadavru ta' Diabate ma jistax jindika l-persuna tieghu lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, billi kif johrog mill-provi, kien hemm nies ohra residenti fic-Centru Miftuh ta' Hal Far b'isimhom jibda bl-istess inizzjali. Dawn il-persuni ma gewx investigati, kif lanqas ma gew mistharrga l-persuni li semma x-xhud Moussa Coulibali bhala dawk in-nies li maghhom xebbah il-lehen tal-bniedem li kellmu waqt li kien ghaddej minn hdejn il-post fejn instab midfun Diabate.

**40.** Id-difiza toggezzjona ghall-fatt illi fix-xiehda tieghu l-Ispettur Christopher Pullicino zied bicca fir-rakkont tieghu dwar dak li rrizultalu fl-investigazzjoni minnu kondotta meta qal li Moussa Coulibali kien identifika lill-appellant fuq ix-xena tar-reat minn wiccu u mhux minn lehnu biss. Jikkontendi li dan il-fatt seta' kellu influwenza fuq l-apprezzament tal-provi li ghamlu l-gurati, u dan iktar u iktar meta x-xhud stess Coulibali dan il-fatt ma jsemmiehx fil-kors tax-xiehda tieghu.

**41.** Tishaq id-difiza illi ghalkemm il-Prosekuzzjoni tipprova tpingi bhala l-movent wara l-qtil il-fatt illi l-vittma kien ha l-post tax-xoghol ta’ l-appellant, madanakollu l-principal taghhom u cioe’ Carmelo Schembri jixhed illi lill-appellant kien keccieh peress illi kien qed jiehu kunfidenza mal-bniet tieghu, filwaqt li l-appellant ighid illi telaq minn fuq il-post tax-xoghol, peress illi kien tlewwem dwar xi flus ma’ Schembri, sabiex b’hekk it-tezi tal-Prosekuzzjoni ma gietx ippruvata. Finalment, rigward il-prova li l-Prosekuzzjoni tipprova taghmel permezz tal-apparat cellulari, l-appellant ighid illi lanqas hawn din il-prova cirkostanzjali ma hija univoka ghaliex ma hemm l-ebda prova li torbot ic-cellulari tal-marka Samsung mal-vittma Diabate. L-appellant fil-fatt jishaq illi dan ic-cellulari li nstab fil-pussess tieghu kien jappartjeni lilu u mhux lill-vittma. Lanqas ma kien hemm prova ta’ xi kuntatt bejn in-numru li allegatament kien jappartjeni lill-vittma u n-numru tac-cellulari tal-appellant ghalkemm irrizulta illi l-appellant kien sab ix-xoghol ghal Diabate fil-gimghat qabel sehh l-omicidju. Jishaq ukoll illi hemm diskrepanza fin-numri tal-IMIEI ta’ dawn ic-cellulari; b’hekk tixxejjen il-prova li l-Prosekuzzjoni ppruvat taghmel permezz ta’ dan l-apparat.

**Ikkunsidrat :**

**42**. Mhux kontestat illi fil-gimghat li ipprecedew l-omicidju ta’ Adame Diabate, kemm hu kif ukoll l-appellant kienu qed jahdmu fir-raba’ ta’ certu Carmelo sive Charles Schembri fil-limiti tal-Mgarr. Schembri kien ghall-ewwel beda ihaddem lill-appellant mieghu, izda billi kellu bzonn iktar nies, talab lill-appellant igiblu xi nies ohra. Kien hawnhekk illi l-vittma beda jahdem ma’ Schembri ukoll. Wara erbat ijiem jahdmu flimkien, Schembri ghal xi raguni waqqaf lill-appellant u baqa’ jhaddem mieghu lil Diabate biss. Schembri ighid li Diabate kien ahjar mill-appellant fix-xoghol. Inoltre billi dehrlu li l-appellant kien qed jiehu ftit tal-kunfidenza

mal-bniet tieghu, iddecida li jwaqqfu mix-xoghol. L-appellant jikkonferma dan fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija izda jghid illi hu u Schembri kienu tlewmu dwar xi flus. Lejliet l-omicidju Schembri kien ftiehem ma' Diabate li l-ghada kellu jerga' jmur ghax-xoghol. Ftehmu li fis-sebgha ta' filghodu (7.00 am) tal-jum tal-Hadd 6 ta' Gunju 2010 kellu jmur jigbru minn hdejn il-knisja tal-Mosta. Is-Sibt filghaxija ghalhekk Diabate jipprepara l-kolazzjoni ghall-ghada, kif xehed siehbu Moussa Samake li jikkontendi li rah l-ahhar f'dik il-lejla.

**43.** L-ghada billi kien il-Hadd u t-trasport pubbliku ma jmurx sa Hal Far f'dan il-jum, l-immigranti residenti fic-Centru Miftuh ikollhom jinzlu bil-mixi sa Birzebbugia sabiex jaqbdu x-xarabank minn hemm. Madanakollu dakinhar tal-Hadd 6 ta' Gunju 2010 Diabate qatt ma jasal fuq il-post tax-xoghol ghaliex Carmelo Schembri li kellu jigbru minn hdejn il-Knisja tal-Mosta fis-sebgha ta' fil-ghodu (7.00am) jixhed li Diabate baqa' ma wasalx u allura nizel lura lejn l-Mgarr. Hemmhekk talab lil mara tieghu Anna Schembri biex iccempel fuq in-numru li kien ghaddielhom Diabate u cioe' 99195866. Din it-telefonata fil-fatt irrizulta ppruvat illi saret kif jixhdu l-*call logs* esebiti in atti u annessi mar-rapport tal-espert Dr Steven Farrugia Sacco min-numru 99485795 appartenenti lil Carmelo Schembri lin-numru 99195866[8]. Fil-fatt jidher li kien hemm zewg telefonati wahda fil-hin 07:34:04 u ohra minuta wara, fil-hin 07:34:05 u mmarkati bhala OT u MT (*Mobile terminating*) rispettivament, prova li c-cellulari ta' Schembri kien qed icempel lic-cellulari bin-numru 99195866. Twiegeb din it-telefonata, persuna b'vuci maskili li tghid lil Anna Schembri li Diabate kien telaq minn Malta u jinsab Sqallija. Mill-investigazzjonijiet li jaghmlu l-Pulizija u minn dak li jemergi mill-informazzjoni mghoddija lill-Pulizija u lill-espert tal-Qorti mis-*service providers*, jirrizulta illi din it-telefonata bin-

[8] Esebieta a fol. 279 tal-process

numru 99195866 kellu numru ta' IMEI 358273011890090[9]. Dan l-istess numru IMEI jirrizulta ukoll li ntuza min-numru cellulari 99166553 appartenenti lill-appellant u dan fil-jum tas-06 ta' Gunju 2010 , bl-ewwel telefonata tigi registrata fil-08:59:36, u fil-hames telefonati li jsiru wara mill-istess numru, fil-hin bejn id-09:02:20 sad-09:23:02. Dawn it-telefonati jsiru lejn in-numru tas-*service provider* 35616203[10]. Jigi konfermat illi fil-fatt f'dan il-hin sar it-*top-up* tal-linja bin-numru 99166553 u dan allura bl-uzu tal-apparat cellulari tal-marka Samsung li lilu kien jappartjeni l-IMEI hawn fuq indikat. Minn hawn l-investigaturi jikkonkludu illi ftit tal-hin wara li sehh l-omicidju l-appellant nehha is-*SIM card* tieghu mic-cellulari li kien qed juza u ghamel uzu tac-cellulari Samsung li allegatament kien jappartjeni lill-vittma.

**44.** Fl-istess jum aktar kmieni, u cioe' wara l-hamsa ta' fil-ghodu (5.00 am) Moussa Coulibali, immigrant li kien ighix fic-Centru Miftuh, u li f'dik l-ghodwa kien qam ghax-xoghol erhilha fit-triq li tiehu lejn Birzebbugia biex jabqad ix-xarabank ghax-xoghol. Kif  kien miexi fi Triq tal-Gebel ghal habta tas-sitta neqsin ghoxrin ta' fil-ghodu (5.40 am) jisma' xi hsejjes gejjien minn taht xi sigar fil-vicin u jara s-sigar jitrieghdu.  Ikellmu persuna bil-Bambaram (djalett tal-Mali) li jghidlu biex jibqa' ghaddej fi triqtu u ma jieqafx. Dan kien lehen maskili. Hu hekk jaghmel u jibqa' sejjer ghal triqtu. Il-wicc tal-persuna li kellmitu izda ighid li ma rahiex. Ixebbah dan il-lehen ma' dak ta' tlieta min-nies u cioe' l-appellant, certu Siaka u Modibo. L-immigrant Isouph Keitha jghid illi qam ghax-xoghol fil-hamsa ta' fil-ghodu (5.00 am) u lill-appellant ma rahx fis-sodda tieghu. Wara telaq lejn Birzebbugia minn Hal Far meta osserva carcir ta' demm fit-triq li tiehu mic-Centru Miftuh ghal B' Bugia[11].

---

[9] Ara fol.279 tal-process

[10] Ara fol.260 tal-process

[11] Fol. 91 et seq.

**45.** Aktar tard matul l-istess jum jinstab il-kadavru ta' Adame Diabate proprju f'dan il-lok indikat mix-xhud Coulibali u dan ghal habta tal-hamsa ta' wara nofs in-nhar (5.00 pm) meta l-Pulizija jigu nfurmati illi kienet instabet persuna mirduma taht sigra gewwa ghalqa fi Triq tal-Gebel, Hal Far, u dan minn Jesmond Pavia, fizzjal li kien responsabbli ghac-Centru Miftuh gewwa Hal Far. Fil-fatt il-kadavru jinstab billi jkunu jidhru s-swaba tas-sieq hergin minn taht il-hamrija. Fit-triq hdejn l-ghalqa jinsab serbut ta' taqtir ta' demm matul il-faccata tal-bini fil-vicinanzi li jibda 'il fuq quddiem xatba u jibqa' sejjer safejn kien hemm dahla ghal go ghalqa vicin harruba kbira. Qrib iz-zokk principali jinstab il-kadavru ta' Diabate mirdum kollu kemm hu taht il-hamrija. Dan jinstab gozz b'rasu 'il isfel u hdejn rasu jinstabu bcejjec ta' gebel imxarrba bid-demm. Gol-hofra jinstab ukoll *haversack* iswed u manku iswed ta' sikkina (bix-xafra mqaccta minnu) liema manku jkollu l-inizjali imnaqqxa fuqu "F" u "K". Fil-*haversack* fost affarijiet ohra jinstab *hands free cord* ghal cellulari tad-ditta Samsung. Il-kadavru jinsab bi griehi estensivi f'rasu u mcappas bid-demm, liebes qalziet skur imnizzel u qmis bajda. Illi minn hawn jiskattaw l-investigazzjonijiet tal-Pulizija fejn is-suspett jaqa' fuq l-appellant li jigi arrestat u interrogat. L-appellant izda jibqa' jichad l-involviment tieghu f'dan id-delitt. Tigi varata l-inkjesta magisterjali fejn jinhatru diversi esperti sabiex jassistu lill-Inkwirenti ghat-tikxif tal-verita'.

**46.** Illi minn dan l-istharrig u mill-provi cirkostanzjali li jemergu il-Pulizija tasal biex tixli lill-appellant bil-qtil ta' Adame Diabate. L-appellant izda jikkontendi illi dawn il-provi huma wisq fjakki biex iwasslu ghas-sejbien tal-htija fil-konfront tieghu.

**47**. Illi minn dawn il-provi, li fil-maggior parti taghhom huma provi indizzjarji, billi ma hemm l-ebda xhud okulari ghall-omicidju li sehh, jirrizulta illi fil-pussess tal-appellant jinstab ghadd gmielu ta' apparat

cellulari, b'kollox seba' *mobile phones*, tnejn tad-ditta Nokia, tlieta Motorola, wiehed Samsung u iehor Vodafone. Il-Prosekuzzjoni tikkontendi illi c-cellulari tal-marka Samsung kien dak li jappartjeni lill-vittma bin-numru 99195866 u li kellu numru IMEI 358273011890090. L-appellant min-naha tieghu kien jaghmel uzu minn zewg numri ta' cellulari u cioe' 99166553 u 99067707, bl-ahhar wiehed ikun registrat fuq ismu.

**48.** Issa Moussa Somake habib ta' Diabate jikkonferma illi huwa kien icempel lill-vittma fuq in-numru 99195866. Dan jikkonferma ukoll li kien sehh xi tilwim bejn l-appellant u l-vittma, dan skont ma kien qallu l-vittma. Dan ix-xhud anke jidentifika il-mobile tal-vittma fic-Centru Miftuh ta' Hal Far u jidentifika wkoll il-kadavru ta' siehbu[12]. Jidentifika ukoll c-cellulari ta' Adame Diabate, immigrant iehor certu Kone Issa, kif ukoll issir l-konferma minn Carmelo Schembri u martu Anna illi n-numru tac-cellulari li kien ghaddielhom Diabate u li fuqu huma setghu jikkomunikaw mieghu kien proprju 99195866. Dan ifisser illi dak allegat mill-appellant illi c-cellulari Samsung kien tieghu u li kien allura jaghmel uzu minn-numru 99195866, huwa ghal kollox inverosimili.

**49.** Illi allura meta l-appellant jaghmel uzu mic-cellulari tal-vittma, izda bl-uzu tas-SIM card tieghu, fl-ghodwa li fiha jsehh id-delitt, ftit tal-hin wara, u cioe' qrib id-disgha ta' fil-ghodu (9.00 am) ma jistax ifisser hlief li huwa gie fil-pussess tal-*mobile phone* Samsung li kien jappartjeni lill-vittma, kif inghad. Fil-fatt ic-cellulari Samsung, li kien jaghmel uzu minnu l-vittma, jinstab aktar tard mill-Pulizija fil-pussess tal-appellant. Fil-*haversack* li jindifen mal-vittma jinstab ukoll *hands free cord* li jaqbel ma' cellulari tad-ditta Samsung biex allura iktar jirrendi mhux attendibbli dak allegat mill-appellant illi dak ic-cellulari kien jappartjeni lilu.

[12] Process a fol.100 et seq.

**50.** L-appellant ghazel li ma jaghtix ix-xiehda tieghu. L-uniku verzjoni moghtija minnu hija dik li tinsab fl-istqarrijiet rilaxxjati minnu lill-Pulizija fejn huwa ma jaghtix spjegazzjoni kif ic-cellulari tal-vittma sab ruhu fil-pussess tieghu, izda, kif inghad, jibqa' jinsisti li dan kien jappartjeni lilu biex b'hekk din il-prova ndizzjarja tikseb importanza probatorja determinanti tant illi tipponta fid-direzzjoni tar-reita'. Mhux biss izda ghalkemm jidher illi l-vittma kien miftiehem ma' Schembri biex imur ghax-xoghol fl-ghodwa meta isehh l-omicidju, meta Anna Schembri taghmel telefonata fuq in-numru appartenenti lill-vittma, iwegibha lehen maskili li jigdeb meta jghidilha illi dan kien telaq lejn Sqallija. Kif inghad hemm prova illi ftit tal-hin wara, dan ic-cellulari ghamel uzu minnu l-appellant. Issa ghalkemm id-difiza tallega illi n-numru IMEI indikat mill-espert fir-rapport tieghu u dak li jirrizulta mill-*call logs* esebiti mis-*service providers* ma huwiex l-istess[13], dan mhuwiex il-kaz, ghaliex l-istess *service providers* jixhdu illi huma l-ewwel tnax-il numru tal-IMEI li huma rilevanti sabiex jigi stabbilit ic-cellulari li qed jigi uzat. Fil-fatt l-ewwel tnax-il numru tal-IMEI appartenenti lic-cellulari Samsung dejjem jidher indikat bhala 358273011890[14]. Huwa ghalhekk stabbilit lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi dakinhar filghodu meta sehh l-omicidju il-*mobile phone* tal-mejjet gie uzat bin-numru 99166553 tal-appellant.

**51.** Abbinat ma' din il-prova determinanti, hemm imbaghad is-sejba tal-manku tas-sikkina bl-inizjali ta' isem l-appellant "F" u "K" taht il-kadavru. Illi ghalkemm kif tikkontendi d-difiza, dina l-prova wahedha ma twassalx ghall-konkluzjoni illi l-appellant ikkommetta d-delitt, madanakollu l-provi ndizzjarji huma mqabbla ma' holqa f'katina u allura meta wiehed iqis din il-prova mal-fatt illi l-appellant instab fil-pussess tac-cellulari tal-vittma ftit hin wara l-kommissjoni tad-delitt, dan il-manku jqieghed lil Keita fuq

[13] Jigu indikati zewg numri IMEI u cioe' 358273011890090 u 358273011890093

[14] Ara xiehda ta' Demaris Agius, rappresentant Vodafone.

ix-xena tad-delitt. Mhux biss izda hemm xhud okulari li jikkontendi illi f'dik l-ghodwa, kmieni filghodu, l-appellant ma kienx fis-sodda tieghu u di piu' Coulibali jixhed illi fuq il-lok fejn sehh id-delitt kien hemm persuna li kellmitu bid-djalett Bambaram tal-Mali li l-vuci tieghu jxebbahha ma' dik tal-appellant, fost ohrajn. L-appellant huwa fil-fatt mill-Mali u jammetti fl-istqarrija rilaxxjata lill-Pulizija illi huwa jitkellem b'dan id-djalett.

**52. Maghdud dan u ezaminati l-provi cirkostanzjali li hemm fl-atti allura din il-Qorti ma tara ebda mottiv li jista' iwassalha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-gurija popolari meta din waslet biex issib lill-appellant hati tar-reati lilu addebitati fl-Att tal-Akkuza. Dan ukoll ghaliex dawn il-provi ndizzjarji jxejjnu dak mistqarr mill-appellant lill-Pulizija illi ma kienx il-persuna li wettaq id-delitt.**

**53.** Illi l-appellant jishaq illi ghalkemm gie stabbilit mill-ezamijiet mediko-legali, li il-qtil kien wiehed brutali, madanakollu fuq il-persuna tieghu ma jinstabu l-ebda griehi jew sinjali ta' xi kollutazzjoni. Illi gie stabbilit illi l-griehi sofferti mill-mejjet kienu griehi estensivi konsistenti f'lacerazzjonijiet fir-ras maghmula b'strument tqil u li ghandu xifer, u fratturi estensivi tal-kranju u tal-ghadam tal-wicc u tal-*mandible* li fil-fehma tal-espert mediko-legali jaghtu indikazzjoni li giet applikata *pressure* qawwija fuq l-aspett laterali tar-ras liema fatturi ghandhom pattern ta' *crush injuries*, kompatibbli ma' daqqa b'gebla kbira. Dawn l-ahhar griehi sehhew meta r-ras ma kenitx qed ticcaqlaq u kienet qed tistrieh ma' xi haga iebsa. Fil-fatt midfuna flimkien ma' Diabate jinstab xi gebel kbir b'kwantita ta' demm fuqhom. Ighid hekk fir-rapport tieghu it-Tabib Mario Scerri:

**"Illi mill-ezami preliminari kien jidher illi l-kadavru kellu diversi lacerazzjonijiet ikkoncentrati fuq l-aspett superjuri u assocjati ma' fratturi estensivi tal-kranju;**

**Illi l-lacerazzjonijiet deskritti fuq ir-ras kienu rizultat ta' trawma vjolenti possibbiliment bi strument tqil u li ghandu xifer. ....**

**Illi d-diversi fratturi estensivi tal-kranju tal-ghadam tal-wicc u tal-mandible jaghtu indikazzjoni li giet applikata *pressure* qawwija fuq l-aspett laterali tar-ras, liema fratturi ghandhom pattern ta' *crush injuries*. Dan setgha kien maghmul bi *crushing* tar-ras b'gebla kbira li setghet intefat fuq l-aspett laterali bir-ras *fixed.* ...."**

**54**. Barra minn dawn, il-lezjonijiet fuq il-pala tal-id il-leminija saru minn strument li jaqta' differenti mill-istrumenti li ikkagunaw l-lacerazzjonijiet u l-fratturi fir-ras. Dawn tal-ahhar jigu klassifikati bhala *defensive injuries* li x'aktarx jigu ikkagjonati meta l-vittma tipprova tiddefendi ruhha minn aggressjoni b'sikkina. Issa hdejn il-kadavru jinstab manku ta' sikkina kif ukoll ghadd ta' gebel mimlija demm li allura huwa kompatibbli ma' uhud mill-griehi li garrab il-vittma. Dr Scerri jikkonkludi hekk :

**"Illi kollox jindika li dan kien kas t'omicidju li fih intuza strument li jaqta' li kkagunaw id-*defensive injuries*, strument tqil li jista jkun li kellu *sharp edges* li ikkaguna l-lacerazzjonijiet fuq il-kranju u oggett iebes bhal ma hija gebla kbira li kkaguna l-fratturi estensivi tal-kranju.[15]"**

**55**. Illi ghalkemm huwa minnu illi fuq il-persuna tal-appellant ma nstabu ebda tip ta' griehi li setghu jkunu indikattivi ta' xi kollutazzjoni jew glied, madanakollu b'daqshekk dan ma jeskludiex l-htija tal-appellant ghal dan id-delitt, kif jikkontendi hu.

[15] Ara rapport mediko-legali ta' Dr. Mario Scerri esebiet fol.150 et seq. tal-process

**56.** Illi jibda biex jinghad illi mill-provi li jemergu minn fuq ix-xena tad-delitt seta' jigi konstatat illi l-agressjoni fuq il-vittma sehhet fi Triq tal-Gebel gewwa Hal Far u cioe' dik it-triq uzata mill-immigranti fil-jum tal-Hadd sabiex jerhulha lejn Birzebbugia minn fejn ikunu jistghu jaqbdu t-trasport pubbliku. Fit-triq tinstab roqgha b'ammont ta' demm, imbaghad minn hemm jibdew it-tracci tad-demm tul it-triq sa hdejn x-xatba tal-ghalqa fejn go fiha mbaghad jindifen il-kadavru taht xi sigar. Illi allura jidher li l-ewwel konfront mal-aggressur sehh fit-triq fejn allura l-vittma gie attakkat bi strument li jaqta' u bil-ponta u ddefenda ruhu. Dan jirrizulta mid-*defensive injuries* fl-idejn li jindikaw illi l-vittma kien qed jipprova jilqa' ghal daqqiet gejjien minn dan it-tip ta' strument. Dan ukoll ghaliex ma gewx riskontrati griehi ohra apparti dawk fir-ras li huma indikattivi ta' xi glied jew ta' xi taqtiegha ma' bniedem iehor. Il-griehi fir-ras kienu tant maghmula b'qawwa u kienu tant estensivi li din it-trawma certament wasslet minnufih ghall-mewt tal-vittma jew ghal ta' l-anqas wassluh biex dan jintilef minn sensieh. L-espert Dr Scerri fil-fatt huwa tal-fehma illi il-lacerazzjonijiet fuq ir-ras wahedhom wasslu ghal mewt tal-vittma. Din kienet ukoll il-fehma tal-patologisti li ghamlu l-awtopsja. B`hekk il-Qorti tista' tasal serenament ghall-konkluzjoni illi l-vittma qala' daqqiet fuq rasu li wassluh biex jintilef minn sensieh jekk mhux addirittura wassluh f`xifer il-mewt. Wara dan, u allura meta l-vittma ma kienx qed jiccaqlaq aktar, huwa qala' daqqiet qawwija b'oggett iebes x'aktarx b'xi gebla jew gebel billi l-espert mediko-legali jikkonkludi illi ir-ras bilfors li kienet *fixed* meta qalghet din it-trawma tant illi rrizultaw fratturi estensivi li sfiguraw ir-ras. Kwindi l-Qorti ma tarax illi l-appellant jista' jezonera ruhu mir-responsabbilita penali ghall-qtil ta' Diabate minhabba l-fatt li fuq il-persuna tieghu ma gewx riskontrati xi feriti stante illi l-modalita' ta' kif sar il-qtil jeskludi li kien hemm kollutazzjoni mal-vittma.

**57.** Kif lanqas ma jista' l-appellant jezonera ruhu mir-responsabilta' ghal dan l-omicidju bil-fatt illi fuq il-vittma ma rrizultatx il-presenza tad-DNA tieghu, kif lanqas ma nstabet il-presenza tad-DNA tal-vittma fuq l-appellant, skont l-ezamijiet li ghamlet l-espert serologista Dr. Marisa Cassar. Dan qed jinghad mhux biss ghaliex kien hemm il-kontaminazzjoni tal-hamrija fejn allura *DNA profile* ma setax johrog, izda ukoll ghaliex il-kampjuni minn taht id-dwiefer tal-appellant ittiehdu diversi sighat wara sabiex b'hekk kien hemm it-trapass tal-hin, kif ukoll kontaminazzjoni ma' oggetti ohra bhal per ezempju l-hasil tal-idejn li jista' jikkontamina l-evidenza jew addirittura igibha fix-xejn.

**58.** L-espert Dr Cassar tghid :-

**"F`dak il-kaz l-ammont ta' cells taht id-dwiefer ha jonqsu u jista' jkun lanqas johrog DNA profile tal-persuna l-ohra."**

Dwar il-kontaminazzjoni tal-evidenza mill-hamrija tghid :-

**"F'dan il-kaz kien hemm xi numru ta' kampjuni … fejn DNA ma harigx, ghalkemm kien jidher li hemm id-demm, DNA profile ma harigx. Jigri hekk gieli meta ma jkunx hemm demm bizzejjed biex johorg profile jew f'dan il-kaz kien hemm hafna hamrija f'certu kampjuni li ttellef milli jista' johrog id-DNA.[16]"**

Illi allura lanqas f'dan il-kaz in-nuqqas tal-presenza tad-DNA tal-appellant ma tezonerax lill-appellant mill-htija.

**59.** Anke l-fatt illi ma nstabitx il-presenza ta' demm fuq l-appellant ukoll mhijiex prova li ma kienx l-appellant li qatel lill-vittma, ghaliex kien hemm trapass ta' hin sostanzjali minn meta sehh id-delitt kmieni filghodu bejn il-

[16] Ara xiehda Dr. Marisa Cassar seduta tal-01 ta' Frar 2018

hamsa (5.00 am) u s-sitta (6.00 am), u l-hin meta l-appellant kien arrestat mill-Pulizija ghal habta tas-sebgha ta' fil-ghaxija (7.00 pm). Dan it-trapass ta` hin certament kien bizzejjed sabiex l-appellant ikun jista' jiddisponi minn kull evidenza nkriminanti.

**60.** Finalment l-appellant iqis illi meta l-Ispettur Christopher Pullicino fix-xiehda li ta fil-guri izid fatt gdid mhux indikat fil-kumpilazzjoni, u cioe' illi x-xhud Coulibali kien stqarr mieghu illi huwa kien gharaf mhux biss lehen l-appellant f'dik l-ghodwa hdejn is-sigar gewwa Hal Far, izda ukoll kien gharrfu minn wiccu, seta' kellha influwenza fuq il-verdett.

**61.** Il-Qorti tqis dan l-ilment bhala wiehed infondat ghaliex l-Imhallef li ppresjeda l-guri fl-indirizz finali wissa lill-gurati fuq din ix-xiehda u ndirettament tahom direzzjoni biex ma jistriehux fuqha izda fuq dak li jixhed ix-xhud Coulibali dwar dak li ra u sema'. L-Imhallef ighid hekk :-

> **"Hu** (b'referenza ghall-ispettur Pullicino) **qalilna li kellem lil Coulibali u li Coulibali qallu li kien gharaf lil Fodie Keita u Fodie Keita kien qallu ibqa' miexi. Fuq dan il-punt partikolari tridu toqghodu ftit attenti. Din hija l-ewwel darba li jghidha s-sur Pullicino, ma qalhiex fil-kumpilazzjoni, u hu jghid li ghamilha fl-istqarrija. Jien diga ghidtilkom illi l-istqarrija tridu taghtu kaz ir-risposta. Id-domanda tharsu lejha, pero' dik ma taghmilx prova, hija r-risposta li taghmel prova. U tinsewx kif xehed Moussa Coulibali fid-darbtejn, u x-xiehda ghandkom intom quddiem il-Magistrat li kien qed imexxi il-kumpilazzjoni."**

Minn hawn johrog car illi fuq dan il-fatt gdid imsemmi mill-Ispettur Pullicino fix-xiehda tieghu l-Imhallef iggwida lill-gurati biex ma jaghtux kaz tal-istess, izda sabiex jistriehu fuq dak li xehed Coulibali u dak li dan ix-xhud xehed illi ra u sema' f'dik l-ghodwa.

**62. Kwindi lanqas dan l-ilment ma jisthoqqlu li jigi milqugh.**

**63. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet u ezaminati l-atti probatorji mill-gdid, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-aggravju tal-appellant dwar l-apprezzament tal-provi li sar mill-gurija ma jisthoqqlux akkoljiment u allura l-verdett qawwi u kwazi unanimu ta' htija milhuq mill-gurati ma ghandux jigi varjat.**

**64.** Jifdal finalment l-aggravju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' prigunerija ghall-ghomor u l-ħlas ta' spejjeż peritali fl-ammont ta' sittax-il elf tmien mija u tlieta u sebghin Ewro u hmistax-il ċenteżmu (€16,873.15). L-appellant iqis illi l-piena mposta fuqu hija waħda eċċessiva.

**65.** Issa ghalkemm l-appellant jitlob temperament fil-piena, madanakollu ma jaghtix raguni wahda ghala ghandu jkun hemm temperament. Illi certament mhijiex mansjoni ta' din il-qorti ta' revizjoni li tfittex hi dawk ir-ragunijiet illi setghu jittiehdu in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena jew jekk kienx hemm xi nuqqas mill-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Dak esercizzju li kellu jsir mill-appellant. Tenut kont ta` dan in-nuqqas da parti tal-appellant, madanakollu din il-Qorti sejra jzzomm quddiemha l-verdett kwazi unanimu tal-gurija popolari b'dan illi allura l-piena erogata ghandha tirrispetta dak il-verdett. Tqis ukoll il-mod makabru kif kien kommess id-delitt bil-vittma mhux biss inqatel b'mod vjolenti meta qala` daqqiet mhux biss b'strument li jaqta' u bil-ponta, izda ukoll sofra griehi estensivi f'rasu konsistenti f'diversi lacerazzjonijiet, izda l-agressjoni kompliet anke meta kien mitluq ghal mejjet tant illi garrab fratturi ohra b'oggett tqil u iebes. Wara l-kadavru gie mohbi sabiex b'hekk l-appellant jipprova jostor d-delitt li kien ikkommetta.

**66.** Premess dan kollu, il-Qorti ma tistax tiskarta d-dettami esposti mill-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward ta' persuni kkundannati għal għomor il-ħabs. Fil-fatt anke l-legislatur haseb sabiex jigi in linea mal-pronunzjamenti li ghamlet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward, kif rifless fl-Abbozz ta' Ligi 199 tal-2017 li ghandu jintroduci l-artikolu 43A fil-Kapitolu 516 tal-Ligijiet ta' Malta, liema abbozz ta' ligi, madanakollu, ghal xi raguni, waqaf fl-istadju tat-tieni qari, ghalkemm ghaddiet 'il fuq minn sena. Fil-fatt din il-Qorti kellha diga` okkazjoni ruhha tesprimi ruhha hekk :

**"Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li, għalkemm f'din is-sede mhijiex qiegħda tistħarreġ xi lment ta' ksur ta' jedd fundamentali, ma tridx li tħalli li din is-sentenza jew dik li minnha sar appell jirfsu b'xi mod il-jeddijiet tal-appellant. Minħabba f'hekk, ma tħossx li tista' twarrab kunsiderazzjonijiet rilevanti li l-Qorti Kostituzzjonali ħadet dan l-aħħar f'każ li jirrigwarda wkoll ilment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali fir-rigward ta' persuna li kienet ikkundannata għall-piena ta' għomor il-ħabs minn din il-Qorti.**

**F'dik is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali saħqet li "l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jiddetta li għandu jkun hemm mekkaniżmu ta' reviżjoni li jesiġi minn għand l-awtoritajiet kompetenti domestiċi li jaċċertaw ruħhom, fuq l-iskorta ta' kriterji oġġettivi stabiliti minn qabel u li l-persuna ikkundanata għal għomorha l-ħabs tkun ġiet mgħarrfa bihom meta ġiet imposta s-sentenza għall-għomor, jekk matul l-eżekuzzjoni tas-sentenza seħħewx bidliet sinjifikanti tali fil-persuna ikkundannata għal priġunerija għal għomorha u seħħx fih progress tali lejn ir-rijabilitazzjoni li l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni ma tkunx aktar ġustifikabbli a bażi ta' konsiderazzjonijiet leġittimi penoloġiċi. Fin-nuqqas ta' tali mekkaniżmu, anke jekk tkun teżisti l-prospettiva tar-rilaxx, is-sentenza għall-għomor ma tkunx tista' titqies bħala riduċibbli għall-għanijiet tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni".**

**F'dan ir-rigward, il-Qorti Kostituzzjonali kienet qiegħda timxi fuq il-pronunċjamenti tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' sentenzi li ngħataw minnha f'dawn l-aħħar snin fuq dan is-suġġett. Illi, wara li l-Qorti Kostituzzjonali stħarrġet l-effikaċja tal-prerogattiva (presidenzjali) tal-maħfra u s-sistema tal-'prison leave' kif jinsabu regolati llum il-ġurnata, waslet għall-fehma li dawn ma jagħtux lill-persuna ikkundannata għall-piena tal-għomor fil-ħabs il-garanziji li ma jġibux fis-seħħ ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Żiedet tgħid li "sabiex sentenza għall-għomor tkun kompatibbli mal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u mal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jeħtieġ li jkun hemm prospett ta' rilaxx kif ukoll possibilita' ta' reviżjoni tas-sentenza"  u sabet li sentenza bħal dik mingħajr ebda possibilita' ta' reviżjoni tal-qagħda tal-ikkundannat kienet tikser kemm il-Kostituzzjoni u kif ukoll il-Konvenzjoni."[17]**

**67.** Illi, kif ingħad qabel, fil-każ tal-lum, l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant għall-piena tal-għomor, u ma ressqet l-ebda rakkomandazzjoni taħt l-artikoli 493 u 494 tal-Kodiċi Kriminali. Ladarba sa llum ma jidhirx li tfasslu kriterji fil-liġi biex jaħsbu għal sitwazzjoni bħal din fejn tidħol il-possibilita' ta' reviżjoni tal-piena li għaliha kien ikkundannat l-appellant, din il-Qorti jidhrilha li ghandha tipprovdi sabiex jigi indirizzat tali nuqqas fil-liġi. Il-Qorti trid tqis illi l-hsieb tal-legislatur kif imfassal fl-artikolu il-gdid 43A ghal Kapitolu 516 tal-Ligijiet ta' Malta, li ghalkemm ghadu ma jiffurmax parti mill-qafas legislattiv ta' l-pajjiz madanakollu qed jipprefiggi terminu ta' tletin sena prigunerija ghal biex l-ikkundannat ikun jista' jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole imwaqqaf bl-imsemmi Att.

**68.** Illi allura din il-Qorti tordna li, mal-għeluq tal-perjodu ta' tletin sena (30) mid-data ta' din is-sentenza tal-lum, u sakemm ma jkunx hemm disposizzjonijiet espressi ta' liġi li jgħidu mod ieħor, il-każ tal-appellant

[17] Ir-Repubblika ta' Malta vs David Norbert Schembri deciza 30/11/2017. Ara ukoll ir-Repubblika ta' Malta vs John Attard deciza 27/03/2018; Ir-Repubblika ta' Malta vs Richard Grech deciza 31/10/2018

jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole imwaqqaf bl-Att tal-2011 dwar il-Ġustizzja Riparatriċi li jkollu s-setgħa u d-dmir li jwettaq dak ordnat mill-Qorti Kostituzzjonali.

**Għar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, u tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata, b'dan illi għall-finijiet tal-piena ta' għomor il-ħabs inflitta fuq l-appellant, huwa għandu jibbenefika mill-mekkaniżmu maħsub fil-liġi, jew, fin-nuqqas ta' dan, minn miżuri u kriterji stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Qorti Kostituzzjonali li jippermettu lill-appellant li jitlob ir-reviżjoni tal-piena jew it-tnaqqis tas-sentenza jekk kemm-il darba jirriżultaw iċ-ċirkostanzi xierqa biex dan isir u in linea ma' dak hawn fuq deciz**.

**S.T.O. Prim Imħallef Joseph Azzopardi**

**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**